MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 413/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Angelo Gafa')**
**Vs**
**Philip Azzopardi**
**Anthony Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Novembru 2007, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita' taghhom ta' ufficjali jew impjegati pubblici, bid-deher jew bil-mohbi jew bil-mezz ta' persuna ohra, hadu interess privat f'aggudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni, sewwa jekk kellhom ghal kollox jew f'parti t-trigija jew is-sorveljanza taghhom, kif ukoll jekk kellhom din it-trigija jew sorveljanza fiz-zmien li l-aggudikazzjoni, l-appalt, jew l-amministrazzjoni nbdew.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 t’Ottubru, 2009, li biha, fid-dawl tar-risultanzi processwali lliberat lill-appellati mill-akkuza migjuba fil-konfront taghhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-13 ta’ Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata, tghaddi biex isib lill-appellati hatja tal-akkuzi migjuba kontrihom u tinfliggi dik il-piena indikata skond il-ligi ghall-htija ta’ l-appellati.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat.

Din is-Sentenza hija limitata ghall-eccezzjoni preliminarai mqajma mill-appellati fin-nota taghhom tas-sittax (16) ta’ April 2010 (ara verbal tas-sitta (6) ta’ Mejju 2010), fejn qeghdin jattakkaw id-dritt ta’ l-Avukat Generali illi jintavola dan l-appell ibbazat fost l-ohrajn fuq l-Artikolu 413(1)(c). L-appellati qeghdin jargumentaw illi l-Qorti tal-Magistrati kellha ‘l hekk imsejha kompetenza originali skont l-Artiklu 370(1) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk id-dritt ta’ appell ta’ l-Avukat Generali f’dan il-kaz huwa arginat ghall- punti ta’ dritt imsemmija fid-diversi paragarafi tal-paragrafu (b) tas-Sub Artiklu (1) ta’ l-Artiklu 413 tal-Kodici Kriminali. L-Avukat Generali m’ghandux id-dritt ta’ appell mill-apprezzament tal-provi kif ghamlet il-Qorti tal-Mgistrati. Dan id-dritt huwa moghti lill-Avukat Generali biss f’dawk il-kawzi illi jissuperaw il-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati, liema dritt gie moghti bil-paragrafu (c) mizjud fil-Kodici Kriminali permezz ta’ l-Att 111/2002. Il-Qorti jidhrilha illi b’dan l-argument l-appellanti ghandhom ragun.

Ikkunsidrat.

Minn qari akkurat tal-Ligi jirrizulta car illi d-dritt ta’ l-appell ta’ l-Avukat Generali kemm mill-Ligi kif ukoll mill-fatti kif radikat bl-Artiklu 413(1)(c) fuq imsemmi, japplika biss ghal dawk il-kazijiet fejn il-konsegwenza tal-piena tkun tissupera l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati u cioe’ sitt (6) xhur. Fil-kazijiet l-ohra l-Avukat Genrali ghandu biss appell fuq punti ta’ dritt, jigifieri li l-ewwel Qorti tkun interpretat jew applikat hazin il-Ligi izda m’ghandux appell fil-kazijiet fejn l-ewwel Qorti tkun interpretat hazin il-provi li jingabu quddiemha. Fi kliem iehor, l-appell ta’ l-Avukat Generali f’kazijiet illi jinvolvu l-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati jista’ jsir biss fuq punti ta’ Ligi izda mhux fuq interpretazzjoni zbaljata tal-provi.

Din il-kwistjoni jidher illi giet determinata fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs Joanne Darmanin Cassar” deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-erbgha (4) ta’ Awwissu 2006 fejn il-Qorti qalet “konsegwentement l-Avukat Genarali ma setax jinvoka l-paragrafu (1) (c) ta’ l-Artiklu 413 li jaghtih dritt ta’ appell b’mod generali u bla limiti bhala bazi ta’ l-appell tieghu, imma se mai ried jinvoka xi wahda mill-kazijiet kontemplati fil-paragrafu 1 (b) kif ricentament emmendat u li huma ristretti ghal dawk il-kazijiet illi qabel kienu jaghtu lok ghall-appell lill-Avukat Generali fil-kazijiet kollha imma issa (b’xi ritokkaturi zaghar ta’ drafting) gew limitati biss ghall- kazijiet fejn si tratta ta’ kontravenzjonijiet jew delitti soggetti ghall- piena ta’ mhux aktar minn sitt (6) xhur prigunerija, bhal ma hu l-kaz odjern.
Ghalhekk, certament l-Avukat Generali f’dan il-kaz ma jistax jappella minn apprezzament zbaljat tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti kif qed jippretendi fir-rikors ta’ l-appell tieghu, ghax din ir-raguni mhix wahda minn dawk kontemplati fil-paragrafu (1) (b) ta’ l-Artiklu 413 applikabbli ghal kaz.”

Ghalhekk kuntrajament ghal dak illi hemm fir-rikors ta’ l-appell tieghu, l-Avukat Generali ma jistax jinvoka l-Artiklu 413(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta bhala raguni ghall-Appell tieghu u ghalhekk issa l-Qorti trid tara jekk l-appell ta’ l-Avukat Generali huwiex ibbazat fuq interpretazzjoni

jew applikazzjoni hazina tal-Ligi kif ghandu dritt li jaghmel, jew inkella interpretazzjoni hazina tal-provi li ngabu quddiem l-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat.

Fl-aggravju tieghu l-Avukat Generali beda biex qal illi fid-deliberazzjoni taghha l-ewwel Qorti gustament ikkwotat fis-Sentenza appellata l-elementi li jikkostitwixu dan ir-reat u ghadda biex elenka dan l-elementi kif elenkathom l-ewwel Qorti.  Pero' l-Avukat Generali jghid illi l-ewwel Qorti nterpretat u applikat hazin element minnhom dwar l-"interess privat".  L-Avukat Generali rrefera ghall- parti mis-Sentenza appellata fejn il-Qorti ddikjarat illi kien hemm sanzjonijiet penali ghall-impjegat pubbliku illi jokkupa u dana ghall-interess privat <u>tieghu</u> (sottolinear tal-Qorti).  L-Avukat Generali qieghed jargumenta illi dan ma kienx legalment korrett peress illi l-Ligi mkien ma tghid illi dan l-interess privat irid ikun biss ta' l-impjegat pubbliku imma jista' jkun anki ghall- beneficcju ta' l-interess privat ta' haddiehor b'dana illi jista` jkun li l-agent tar-reat ma jigwadanja xejn  mill-atti lleciti tieghu.

Ikkunsidrat.

Ma hemmx dubbju li dana huwa element kostitwiv importanti ghal dan ir-reat u ghandu jkun hemm interepretazzjoni cara u kategorika tat-tifsira tal-kliem "interess privat".  Dina hija kwistjoni ta' Ligi li allura jaghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali taht l-Artiklu 413(1)(b)(1v)(i) tal-Kap 9.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-eccezzjojni preliminari ta' l-appellati, tiddikjara illi l-Avukat Generali m'ghandux dritt ta' appell skont id-dispost ta' l-Artiklu 413(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda ghadu dritt ta' appell ai termini ta' l-Artiklu 413(1)(b)(1v)(i).  Dan ifisser quindi illi l-appell tieghu jrid jigi meqjus sa fejn qieghed jikkritika l-ewwel Qorti illi nterpretat jew applikat hazin il-Ligi izda mhux li nterpretat hazin il-provi illi ngabu quddiemha.

Dana stabbilit tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------